Komunikazzjoni mill-Ministeru għall-Ambjent tar-Repubblika Ċeka skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-ipprospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi

(2012/C 283/06)

Il-Ministeru għall-Ambjent tar-Repubblika Ċeka jixtieq iħabbar li waslitlu applikazzjoni biex tkun stabbilita żona għall-ipprospettar u l-esplorazzjoni ta' idrokarburi fix-Xlokk tar-Repubblika Ċeka (Hradec Králové-Pardubice); din iż-żona hija ddefinitia kif indikat fil-mappa mehmuża fl-Anness.

Bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva msemmija fit-titlu, kif ukoll tal-Artikolu 11 tal-Att Nru 44/1988 tal-Ġabra tal-liġijiet tal-Kunsill Nazzjonali Ċek dwar il-protezzjoni u l-isfruttar tar-riżorsi minerali (l-Att dwar l-estrazzjoni fil-minjieri) u l-Artikolu 4d tal-Att Nru 62/1988 tal-Ġabra tal-liġijiet tal-Kunsill Nazzjonali Ċek dwar l-attività ġeoloġika, skont l-aħħar verżjonijiet tagħhom fis-seħħ, il-Ministeru għall-Ambjent tar-Repubblika Ċeka jistieden lil persuni ġuridiċi jew fiżiċi, li huma awtorizzati biex jeżerċitaw l-attivitajiet tal-minjieri (promoturi), biex jissottomettu l-applikazzjoni kompetittiva tagħhom għall-istabbiliment ta' żona ta' esplorazzjoni għall-ipprospettar u l-esplorazzjoni ta' idrokarburi fix-Xlokk tar-Repubblika Ċeka (Hradec Králové-Pardubice).

Il-Ministeru għall-Ambjent huwa l-awtorità kompetenti li se tieħu d-deċiżjoni. Il-kriterji, il-kondizzjonjiet u r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 5, u fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 6, tad-Direttiva msemmija ġew trasposti bis-sħiħ fil-leġiżlazzjoni Ċeka bl-aħħar-verżjoni fis-seħħ tal-Att Nru 62/1988 tal-Ġabra tal-liġijiet tal-Kunsill Nazzjonali Ċek dwar l-attivitajiet ġeoloġiċi.


L-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati matul il-perjodu ta' tlettax-il ġimgħa mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u għandhom jiġu indirizzati lil:

Is-Sinjur Martin Holý
Direttur tad-Dipartiment tal-Ġeoloġija
Il-Ministeru għall-Ambjent
Vršovická 65
100 10 Praha 10
ČESKÁ REPUBLIKA

Mhux se jitqiesu l-applikazzjonijiet ippreżentati wara din id-data. Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet tittieħed mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu.

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lil Jaroslava Česneka fuq in-numru tat-telefown +420 267122652.

ANNESS


Návrh PÚ
Hradec Králové-Pardubice
N
HRADEC KRÁLOVÉ
PARDUBICE
TRUTNOV
NÁCHOD
JIČÍN
JIHLAVA
ŽĎÁR N. SÁZAVOU
HLINSKO
CHRUDIM
LITOMYŠL
ČESKÁ TŘEBOVÁ
50 km
1:500000